# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta' Frar 2011

## dwar l-estensjoni tal-finanzjament ta' miżuri speċjali ta' emerġenza biex jipproteġu l-Unjoni mill-idrofobija

(2011/C 64/05)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([1]) u b' mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tipprovdi li meta Stat Membru jkun direttament mhedded bil-ġrajja jew l-iżvilupp, fit-territorju ta' pajjiż terz, ta' marda elenkata fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni, kwalunkwe miżura xierqa għas-sitwazzjoni tista' tiġi adottata, inkluż l-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-miżuri li jitqiesu partikolarment bżonjużi għas-suċċess tal-azzjonijiet meħuda.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/582/KE tad-29 ta' Lulju 2009 dwar il-finanzjament ta' miżuri speċjali ta' emerġenza biex jipproteġu l-Komunità mill-idrofobija ([2]) approvat il-finanzjament ta' pjan ta' eliminazzjoni tal-idrofobija ta' 36 xahar fit-territorju tar-reġjun ta' Kaliningrad tal-Federazzjoni Russa.

(3) L-idrofobija hija marda tal-annimali li tolqot prinċipalment lill-karnivori selvaġġi u domestiċi u għandha implikazzjonijiet serji għas-saħħa pubblika. L-idrofobija hija elenkata fl-Anness tad-Deċiżjoni 2009/470/KE.

(4) It-territorju tar-Reġjun ta' Kaliningrad, żona tar-Russja mdawra bl-UE, imiss ma' Stati Membri li qed jagħmlu l-isforzi finali tagħhom lejn il-qerda totali tal-marda. Inħasset il-ħtieġa ta' miżura speċjali għall-prevenzjoni tal-infezzjoni kontinwa mill-ġdid tal-Istati Membri ġirien mill-Kaliningrad.

(5) Minħabba d-daqs relattiv tat-territorju ta' Kaliningrad, huwa aktar xieraq u effiċjenti f'dak li hu nfiq li jkunu assistiti l-isforzi għall-eliminazzjoni tal-idrofobija fil-Kaliningrad milli li titwaqqaf żona newtrali għat-tilqim fit-territorju tal-Istati Membri ġirien li mbagħad ikollha tinżamm indefinittivament.

(6) Bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi hawn fuq, il-każijiet tal-idrofobija fis-selvaġġ diġà għosfru miż-żoni tal-Litwanja u l-Polonja li jinsabu ħdejn it-territorju ta' Kaliningrad, skont rapporti tat-Task Force għas-Sorveljanza tal-Elimnazzjoni tal-Mard tal-Annimali.

(7) Madankollu, ir-riskju għall-Unjoni se jisparixxi biss jekk l-idrofobija tkun eliminata mit-territorju ta' Kaliningrad u dan jista' jinkiseb fit-terminu l-qasir jekk l-attivitajiet ta' tilqim ikomplu mingħajr interruzzjoni għas-snin li ġejjin.

(8) Il-pjan ta' 36 xahar kopra attivitajiet mill-1 ta' Ġunju 2008 u għalhekk jiskadi fil-31 ta' Mejju 2011.

(9) Huwa neċessarju li l-appoġġ finanzjarju għall-pjan ta' eliminazzjoni tal-idrofobija jkun estiż għal perjodu ieħor ta' 36 xahar sabiex jinkiseb l-għan tiegħu.

(10) Skont l-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([3]), l-għotjiet huma suġġetti għal programm annwali. Dak il-programm ta' ħidma annwali għandu jiġi implimentat permezz tal-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti, ħlief f'każi eċċezzjonali ta' urġenza li ġew sostanzjati b'mod xieraq. Skont l-Artikolu 168(1)(b) tar-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju stabbilit bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 ([4]), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħti għotjiet mingħajr sejħa għal proposti f'emerġenzi eċċezzjonali oħrajn li jkunu ssostanzjati b'mod xieraq.

(11) Fil-25 ta' Ottubru 2010 ir-Russja ssottomettiet lill-Kummissjoni programm għall-eliminazzjoni tal-idrofobija mir-reġjun tal-Kaliningrad għall-perjodu 2011-2014 u dak il-programm instab li kien aċċettabbli fir-rigward tal-għan tal-ħarsien tal-Unjoni mill-idrofobija. L-azzjonijiet previsti f'dak il-programm huma essenzjali għall-protezzjoni tal-interess tal-Unjoni u għalhekk huwa xieraq li ċerti miżuri jirċievu l-finanzjament mill-Unjoni. Għandha għalhekk tiġi mogħtija kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fl-2011 għall-implimentazzjoni ta' dak il-programm.

(12) Id-Deċiżjoni preżenti tikkostitwixxi Deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsir tal-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 90 tar-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju, u l-Artikolu 15 tar-Regoli Interni dwar l-Implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]).

(13) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/582/KE saret inutli u għandha titħassar.

(14) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

([2]) ĠU L 198, 30.7.2009, p. 85.

([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([4]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6.4.2009, C(2009) 2105.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ

*Artikolu 1*

1. Il-pjan għall-eliminazzjoni tal-idrofobija f'36 xahar mir-Reġjun ta' Kaliningrad ("programm għall-eliminazzjoni tal-idrofobija") ippreżentat mir-Russja huwa hawnhekk approvat għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġinju 2011 u l-31 ta' Mejju 2014.

2. L-azzjoni taħt din id-Deċiżjoni għandha tkopri dawn l-operazzjonijiet speċifiċi:

— ix-xiri tal-lixki tat-tilqim għall-immunizzazzjoni orali ta' karnivori selvaġġi;

— id-distribuzzjoni fit-territorju tar-reġjun tal-Kaliningrad tal-lixki tat-tilqim msemmija fil-punt preċedenti.

*Artikolu 2*

Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni Ewropea hija ffissata għal EUR 1 800 000 li għandhom jiġu ffinanzjati mil-linja tal-baġit 17 04 03 01 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011.

*Artikolu 3*

1. L-għoti ta' għotja individwali lill-Aġenzija Veterinarja tal-Istat tar-reġjun ta' Kaliningrad tal-Federazzjoni Russa "Iċ-Ċentru Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Mard tal-Annimali" (Государственное учреждение ветеринарии Калининградской области „Областная станция по борьбе с болезнями животных") hija awtorizzata.

2. L-attivitajiet koperti b'din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu ffinanzjati sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli korrispondenti, bil-kundizzjoni li parti mill-ispejjeż totali tal-azzjoni tkun kkorroborata mill-Aġenzija Veterinarja tal-Istat tar-reġjun ta' Kaliningrad tal-Federazzjoni Russa "Iċ-Ċentru Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Mard tal-Annimali" (Государственное учреждение ветеринарии Калининградской области „Областная станция по борьбе с болезнями животных") jew minn għotjiet oħra mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/582/KE hawn titħassar b'effett mill-31 ta' Diċembru 2011.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2011.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*